MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-25 ta' Mejju, 2009

Numru 127/2002

Il-Pulizija
(Spettur Joseph Cordina)

Vs.

Nadine Theuma

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-imputata ta' karta ta' identita' numru 69778(M) akkuzata talli;

1. f'dawn il-Gzejjer, f'Awwissu 2001 u fix-xhur ta' wara b'diversi atti maghmula fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi ghamlet falsifikazzjoni f'att awtentiku jew pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahlet dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi f'dawn l-atti jew skritturi wara li

jkunu gew iffurmati, nkella illi ziedet jew bidlet klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw u cioe ghamlet falsifikazzjoni tal-firma ta’ Edmond Theuma u ta’ persuni ohra fuq cekk tal-Bank of Valletta u aktar talli xjentament ghamlet uzu mill-istess skritturi jew kitba falza u dan bi ksur tal-Artikoli 183 u 184 tal-Kap 9;
2. iffalsifikat cedola, polza, ordni jew dokumenti ohra u cioè cekk tal-Bank of Valletta fuq l-akkont ta’ Mr. E. Theuma Limited u persuni ohra, illi meta jigi ppresentat wiehed jista’ jircievi bih hlas jew jiehu kunsinja tal-oggetti, jew jigbor depositu jew rahan minn ufficcju pubbliku, jew minn Banek jew stabbilliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b’xi att pubbliku tal-gvern u aktar talli ghamlet uzu mill-istess karta imsemmija u dan bi ksur tal-Artikolu 167 u 169 tal-Kap 9;
3. b’mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamlet uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqeda b’qerq iehor, ngann, jew billi wriet haga b’ohra sabiex iggieghel titwemmen esistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor jew ta’ krediti mmaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamlet qliegh ta’ Lm5000 bi hsara ghal Rodrick Falzon, Bank of Valletta u persuni ohra u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 308, 309 u 310 (1)(b) tal-Kap 9.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza ssir sommarjament, mhux opposta;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

l-akkuzi jipprospettaw id-delitt ta’ falsifikazzjoni (cekk), uzu ta’ l-istess u ta’ frodi b’ghemil gharrieqi (truffa) aggravat. Hi akkuzata wkoll bid-delitt ta’ qerq innominat. Dan l-ahhar delitt izda huwa sorpassat b’dak aktar gravi tat-truffa.

Mill-assiem tal-provi jirrisultaw sodisfacjentament pruvati l-akkuzi, kif prospettati hawn fuq.

Rat l-Artikoli 167, 169, 183, 184, 308, 310(1)(b) u 17 tal-Kap 9. Qieset ic-cirkostanzi u senjatament l-incertezza tal-ammont tat-telf, jekk hu l-kaz li l-kwerelant effettivament sofra. Ikkonsidrat izda li f'kull kaz tirrizulta l-falsifikazzjoni tac-cekk. Tiddeciedi li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 tillibera lill-akkuzata ghal zmien sena mil-lum sakemm ma taghmilx reat iehor punibbli bi prigunerija.

Il-Qorti fehmet lill-akkuzata r-responsabbiltajiet taghha skont is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------